# UFFIĊĊJU STAMPA

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971


6 ta' Lulju, 2009
TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. TABONE O.P.
REF : 76/2009

## AVVIZ LILL-ISTAMPA

### ASSEMBLEA EWROPEA TAL-JESUS CARITAS F'MALTA

Bejn is-16 u t-23 ta' Lulju se tiltaqa' f'Malta l-Assemblea Ewropea tar-Responsabbli tal-gruppi *Jesus Caritas* f'bosta pajjiżi fl-Ewropa Il-*Jesus Caritas* hija għaqda jew "fraternita`" ta' qassisin djoċesani li jħaddnu l-ispiritwalita` tal-Beatu Charles de Foucauld, mibnija fuq l-Evanġelju, l-Ewkaristija u l-għażla preferenzjali tal-fqar.

Matul il-laqgħa dawn il-qassisin se jagħtu rendikont kif qed jgħixu din l-ispiritwalita` f'pajjiżhom, u jagħmlu wkoll esperjenza tal-ħajja fil-Knisja f'Malta. Is-Sibt u l-Ħadd se jżuru diversi parroċċi biex jagħmlu esperjenza tal-Knisja f'Malta. Fl-aħħar gurnata se jkollhom laqgħa ma' Monsinjur Arċisqof Pawlu Cremona.

F'waħda mill-ġranet se jqattgħu ġurnata fid-"deżert", post maqtugħ xi ftit min-nies, biex kull wieħed jagħmel ir-riflessjoni personali tiegħu. Se jittieħdu fuq l-għolja ta' Selmun, minn fejn jistgħu jaraw dehra mill-isbaħ tal-Gżejjer ta' San Pawl. Kull wieħed se jkollu s-silta dwar in-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli, maqluba f'diversi lingwi.

Min irid aktar informazzjoni dwar din l-Assemblea jista' jċempel 21442981 jew 99225440.